GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR231984 | 14.12.2023 | 4 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-urġenza li lkoll kemm aħna "naċċettaw ir-realtà li aħna parti minn din il-familja tal-bnedmin li tissejjaħ l-umanità, u l-ħbiberija soċjali tagħna twassalna biex nagħtu l-kontribut tagħna f'bini ta' dinja aħjar u aktar ġusta bil-għan li l-ġnus jgħixu fis-sliem u l-paċi u b'dinjità." – Speaker tal-Kamra tad-Deputati***

L-urġenza li lkoll kemm aħna "naċċettaw ir-realtà li aħna parti minn din il-familja tal-bnedmin li tissejjaħ l-umanità, u l-ħbiberija soċjali tagħna twassalna biex nagħtu l-kontribut tagħna f'bini ta' dinja aħjar u aktar ġusta bil-għan li l-ġnus jgħixu fis-sliem u l-paċi u b'dinjità" tenna l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia meta għamel riferenza għall-Enċiklika *Fratelli Tutti* ta' Papa Franġisku, meta lbieraħ filgħaxija inawgura wirja ta' Presepji mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju: Għawdex u Malta fil-Parlament ta' Malta.

L-Ispeaker tkellem ukoll dwar is-sinifikat qaddis u b'mod speċjali r-rabta tat-twelid ta' Kristu Ġesù, kif ukoll għamel referenza għal tant vjolenza u ħażen madwarna, f'pajjiżi qrib tagħna, inkluż l-Ukrajna, kif ukoll fil-Lvant Nofsani u inħawi oħra fid-dinja.

Din il-wirja qed isir bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet fl-egħluq it-800 sena minn meta San Franġisk t'Assisi nieda l-ewwel presepju fi Greccio fl-Italja, fis-sena 1223.

Il-pubbliku ġenerali hu mistieden iżur din il-Wirja fil-bini tal-Parlament ta' Malta sal-Ħadd, 7 ta' Jannar 2024, mit-Tnejn sas-Sibt, bejn id-9.00 ta' filgħodu sas-6.00 ta' filgħaxija, Ħdud u Festi Pubbliċi, bejn id-9.00 ta' filgħodu u nofsinhar.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt